MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2007

Numru 540/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Walter Spiteri)**

**vs**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Joseph Zahra 46 sena bin Joseph u Grazia mitwielda Zahra mwieled Mqabba u joqghod ‘Zahraville’, Triq l-Arluggar, Luqa ID. 164456(M) gie akkuzat talli fit-2 t’ April, 2002 ghall-habta tas-2.20pm u fi granet antecedenti u sussegwenti biex jezercita dritt li ppretenda li kellu waqqgha kmamar ta’ Nazzareno Cassar u martu Salvina Cassar u inoltre

ikkawza danni volontarji liema danni jaqbzu l-ammont ta' Lm50 u ghamel hsara fis-sigar tal-frott u ghamel vjolazzjoni tal-propjeta tal-istess konjugi Nazzarenu u martu Salvina Cassar f'ghalqa fi Sqaq Tal-Bandieri, Mqabba.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 7 tal-Process u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Fl-ewwel lok tirrileva li din il-kawza kienet precedentement qeghda tinstema' mill-Magistrat illum Magistrat Irtirat Dr. Joseph Cassar LL.D. u li din il-kawza giet assenjata din is-sena quddiem din il-Qorti kif presjeduta.

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghal bran mid-deposizzjoni tax-xhud Salvina Cassar moghtija fis-Seduta tallum fejn din ix-xhud, inter alia, qalet: "Nghid illi jien kont personalment innutajt lill-imputat Joseph Zahra li qed naghrfu prezenti fl-Awla illi dan kien qieghed iwaqqa' kmamar liema kmamar kienu qeghdin fuq il-proprjeta' taghna.  Nghid pero' dan kien qed iwaqqa' dawn il-kmamar minn naha tal-proprjeta' tieghu."

Il-Qorti taghmel referenza ghal bran mill-kontro ezami tal-istess xhud li fl-istess Seduta, inter alia, qalet: "Nghid illi l-imputat kien qieghed ihaffer minn naha tieghu. Nikkonferma li l-imputat kien qieghed hemm fejn il-haddiema.  Nixtieq hawnhekk naghmel precisazzjoni illi l-imputat kien prezenti pero' kien hemm in-nies li kienu qeghdin iwaqqghu l-kmamar u dan qed nghidu fid-dawl ta' dak li diga' ghadni kif xhedt aktar qabel illum pero' fil-fatt hu kien qieghed prezenti u qabbad in-nies biex isir dan it-twaqqiegh."

Issir referenza ghal bran mid-deposizzjoni tax-xhud Nazzareno Cassar moghtija fis-Seduta tallum, fejn dan ix-xhud, inter alia, qal: “Nghid illi qisu xi madwar tlett snin ilu jien kont qed nara lill-imputat Joseph Zahra u l-imputat kellu mieghu lill-ibnu kien qed juza hymac u dan beda jqatta’ biex jidritta x-xoghol.”

In kontro-ezami l-istess xhud, fl-istess Seduta, inter alia, qal: “Nixtieq nghid pero’ illi waqt it-twaqqiegh tal-kamra u t-thaffir bil-hymac l-imputat ma kienx qieghed hemmhekk.”

Fil-fehma tal-Qorti minn ezami tas-suespost jemergi konflitt serju ta’ provi ghaldaqstant tillibera lill-imputat Joseph Zahra mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu fuq konflitt ta’ provi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------